# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 29

15 ta' Frar 2021

Id-disgħa u għoxrin (29) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Frar fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 29.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

29.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 29.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

29.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (GD, VB, DSH, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

29.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 28.2.5 fejn irrefera għax-xogħol li sar minn Transport Malta fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Huwa propona li l-Kunsill jieħu l-opportunità jfakkar lill-entità dwar is-sleeping policemen, it-tabelli u s-sinjali li hemm bżonn li jsiru fit-Telgħa tal-Kurċifiss u fi Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qalet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta minn Transport Malta dwar dan.

29.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 27.8.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Id-DSE wieġeb li matul ir-rilokazzjoni tal-uffiċċju kienu nstabu ammont ta' no parking signs li jistgħu jintużaw għal din il-fini. Il-Kunsillier VB ġibed l-attenzjoni għall-infurzar meħtieġ dwar il-garages. Id-DSE qal li hu kien iċċekkja li kien hemm stickers iżda fil-każ tal-infurzar, dak irid isir min-naħa ta' min jista' jinforza.

29.2.5. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata minn gwardjani lokali li nformawha li qed isibu każijiet ta' vetturi li ma jkunux reġistrati fuq il-lokalità tal-Floriana iżda jkollhom karta tal-identità ta' xi ħadd mil-lokalità. Is-Sindku qalet li hi kienet tat struzzjoni lill-gwardjani lokali sabiex jużaw is-sens komun u jekk ikun każ raġonevoli titħalla nota. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier VB qal li kien informat li qed isir hekk anke minn uffiċjali tal-Pulizija li jħallu karta fuq id-dashboard li kienu jaħdmu il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

### 29.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

29.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-talba tas-Sur Justin Haber u qalet li wara li kien intalab parir legali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dawn kienu nformaw lill-Kunsill li biex il-Kunsill jgħaddi l-amministrazzjoni tal-piċċ sintetiku lil ħaddieħor, irid joħroġ sejħa għall-offerti pubblika. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-avukat tal-Kunsill sabiex jinforma

lis-Sur Haber b'dan. Wara li ddiskuta il-possibbiltà għas-sejħa tal-offerti, il-Kunsill ma qabilx u qabel b'mod unanimu li l-piċċ sintetiku jitħalla miftuħ biex ikun jista' jitgawda bl-aħjar mod mir-residenti.

29.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mill-SPI fejn informaw lill-Kunsill bi skema għal żvilupp u titjib fil-playing fields madwar il-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**Nota: 17:24 Il-Kunsillier VB talab li jkun skużat.**

29.3.1.1 Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-applikazzjoni li tressqet għall-UIF Funds u qalet li għandha tiċċekkja mal-Perit sabiex tara jekk kienx inkluż il-piċċ sintetiku, ħalli f'każ li le, il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra japplika taħt din l-iskema.

**Nota: 17:25 Il-Kunsillier VB reġa' attenda għal-laqgħa.**

29.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Water Saving Kits Distribution li nformaw lill-Kunsill li ser ikunu qed joffru slot lil-lokalità fil-ġranet ta' bejn it-22 u t-28 ta' Marzu 2021 sabiex jitqassmu dawn il-kits. Il-Kunsill qabel li peress li l-lokalità kienet waħda żgħira għandu jara kif tintlaqa' l-inizjattiva u filkas tiġi estiża kif suġġerit skont ir-rispons li jkun hemm.

29.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza fejn informaw lill-Kunsill b'inizjattiva fejn qed jiġu offruti numru ta' siġar tal-palm li jistgħu jinżergħu fi spazjijiet miftuħa, roundabouts, eċċ. Il-Kunsillier JAE qal li jitħasseb minħabba li s-siġar tal-palm mhuwiex indiġenu għall-Malta iżda s-Sindku DSH qalet li tippreferi siġar tal-palm milli s-siġar li jwaqqgħu il-frott bħalma hemm quddiem il-Kunsill u fi Triq Sarria. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jressaq l-interess tiegħu sabiex jitħawwlu siġar tal-palm fi Ġnien Sir Luigi Preziosi, fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u fi Triq il-Mall, in-naħa tax-Xagħra.

29.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Università ta' Malta fejn informaw lill-Kunsill b'kampanja li għaddejja għat-tisħiħ tas-soċjetà. Huma talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitwaħħal streamer f'post prominenti fil-lokalità. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jipproponi l-istess sit fejn twaħħal is-sena l-oħra, u cioè fi Pjazza Emanuel S. Tonna kantuniera ma' Triq Sant'Anna.

29.3.6. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li nhar is-17 ta' Frar 2021 kien ser isir l-iffirmar tal-ftehim għall-grant tan-Norwegian Funds li minnu il-Kunsill kien ser jagħmel lift intern kif ukoll jirranġa l-uffiċċju tal-ewwel sular. Il-Kunsillier VB staqsa jekk il-Perit kienx iċċekkja minħabba l-bir li hemm fil-bitħa. Is-Sindku nformat li l-Perit kien għamel survey tal-bini kollu u għalhekk kollox kien kopert.

29.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Ambjent Malta fejn offrew lill-Kunsill jagħmel kuntatt magħhom bi pjanijiet jew suġġerimenti olistiċi biex jissebbaħ l-ambjent. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq il-proposti tiegħu fiż-żmien li ġej.

29.3.8. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward l-air quality plan. Il-Kunsill qabel li din tiġi ċċirkolata.

29.3.9. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li kienu qed jipproponu li jiġu installati charging pillar sites fit-Telgħa tal-Kurċifiss c/w Triq San Franġisk. Is-Sindku qalet li hi kienet informathom li ma taqbilx mal-post propost u dan minħabba li dik iż-żona kienet diġà problematika biex wieħed isib jipparkja, u għalhekk ma tħossx li għandhom jitkomplu jitnaqqsu l-ispazji ta' parkeġġ.

29.3.10. Is-Sindku nformat lill-Kunsill b'laqgħa li kellha mal-kumpanija MGTIL fejn proponew li jiġu nstallati spazji fejn jistgħu jiġu ċċarġjati vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Huma offrew li r-residenti jkunu jistgħu jiċċarġjaw b'xejn il-vettura elettrika tagħhom b'xejn, kif ukoll offrew li jingħata sussidju lill-kunsill lokali. Madankollu, is-Sindku qalet li fil-lokalità ma kienx hemm residenti li għandhom vettura tal-elettriku u għalhekk ma kienitx qed tara r-raġuni għalfejn għandhom jittieħdu parkeġġi minn toroq residenzjali meta diġà kien hemm problema kbira ta' parkeġġ.

29.3.10.1. Hija semmiet ukoll li ma kienux qed jeskludu l-fatt li jinstallaw xi spazji f'parking areas minflok f'toroq residenzjali.

29.3.10.2. Il-Kunsillier VB staqsa jekk setgħux isiru ħdejn il-Public Works, fejn diġà kien hemm waħda.

29.3.10.3. Il-Kunsillier JAE semma li kien hemm waħda fi Triq San Publju wkoll.

29.3.10.4. Il-Kunsillier JAE żied jgħid li filwaqt li l-idea u d-direzzjoni kienu tajbin, dan għandu jkun proġett nazzjonali u mhux lokali u dan għax il-lokalità għandha problemi ikbar minn dawn. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li l-Kunsill lanqas kellu saħħa jieħu l-palju f'idejh f'dan ir-rigward.

29.3.10.5. Il-Kunsillier VB qal li setgħu isiru wkoll ħdejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u dan biex ma jittieħdux spazji ta' parkeġġ minn żoni residenzjali.

29.3.11. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar l-iskema tar-restawr tal-monumenti. Hija qalet li l-Kunsill kien diġà iddeċieda fil-laqgħa preċedenti li japplika sabiex tiġi restawrata in-niċċa ta' San Publju.

29.3.12. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand The Notebook Centre fejn offrew lill-Kunsill jipparteċipa fi skema ta' manutenzjoni tal-laptops u kompjuters, tindif u installazzjoni ta' firewall, li minnha jistgħu jibbenefikaw ir-residenti, in-negozji, l-istaff u t-tfal tal-iskola. Is-Sindku nformat li l-ispiża kienet titla' għal €2500 esklużil-VAT. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jilqa' tali offertà.

29.3.13. Is-Sindku għamlet riferenza għal korrispondenza ta' residenta li kitbet dwar l-istat ħażin li qegħda fiha l-bankina u xi littering li hemm quddiem il-binja tagħha. Hija talbet ukoll li tirranġa l-ispralli li għandha fuq il-bankina, u li dawn huma proprjetà privata tas-sid u mhux responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku kompliet billi nformat lill-Kunsill li kien intalab parir legali fejn l-Avukat kien issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lir-residenta rapport mingħand il-Perit bil-proposta tagħha. Ir-residenta kienet wieġbet li ma kellix bżonn il-proposta tal-Perit u talbet lill-Kunsill jirreferiha għal-liġi li tindika dan.

29.3.13.1. Is-Sindku qalet li r-residenta kienet talbet ukoll li jsiru bollards. Is-Sindku qalet li biex dan isir, iridu jitneħħew l-ispazji ta' parkeġġ kollha. Is-Sindku qalet li diġà kien sar żball li twaħħlu bollards faċċata u ma tħossx li żball għandu jitpatta b'ieħor.

29.3.13.2. Is-Sindku qalet li skont din il-persuna, dan kien qed jintalab bl-approvazzjoni tar-residenti l-oħrajn. Il-Kunsillier JAE informa li xi snin ilu kienet saret laqgħa mar-residenti dwar dan fejn kienu qablu li ma jitwaħħlux bollards minħabba li f'każ li jitwaħħlu bollards fuq iż-żewġ naħat, dan kien ser jipprevjeni milli tgħaddi ambulanza u vetturi oħra simili f'każ t'emerġenza.

29.3.13.3. Il-Kunsillier VB qajjem il-punt li ma jistgħux jitwaħħlu bollards fejn ġieb u laħaq u dan irid isir skont ir-regoli tal-Awtorità tal-Ippjanar.

29.3.13.4. Wara li ddiskuta l-materja, il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikteb lir-residenta u jinformaha li ma jaqbilx li jsiru bollards ladarba diġà kien hemm bollards il-faċċata l-oħra tat-triq.

29.3.14. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Community Police fejn bagħtu draft biex jiġi approvat mill-Kunsill u li mbagħad jiġi stampat u ċċirkolat lir-residenti. Is-Sindku talbet lid-DSE sabiex jiċċirkola l-abbozz lill-kunsilliera biex dan ikun jista' jiġi approvat.

29.3.15. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq fejn proponew li l-isem propost mill-Kunsill jinbidel minn Triq il-Professur Oliver Friggieri għal Triq il-Profs Oliver Friggieri. Il-Kunsillier JAE qal li t-triq għandha tiġi "Prof" mhux "Profs". Il-Kunsillier JAE propona li fin-nomenklatura jiżdied ukoll li kien lettur. Il-Kunsill qabel li t-triq tissemma Triq il-Prof Oliver Friggieri u li n-nomenklatura għandha tinbidel għal lettur u kittieb.

29.3.16. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet intbagħtet korrispondenza lis-sid tal-binja ta' fejn kien jgħix il-Prof Oliver Friggieri fejn informah bid-deċiżjoni tal-Kunsill li titwaħħal plakka mal-faċċata dejjem jekk ikun hemm l-approvazzjoni tas-sid. Hija qalet li s'issa ma kienx għad hemm risposta u għandha tinforma lill-Kunsill appena jkun hemm tweġiba.

29.3.17. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-operatur tal-gabbana fejn talab lill-Kunsill li jirrevedi l-kera tal-gabbana minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija fejn it-tbassir finanzjarju kien ġie ridott għal kollox. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jara x'seta' jsir f'dan ir-rigward.

29.3.18. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand NRGY Concepts Ltd li talbu permess sabiex tiġi organizzata attività fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-kumpanija sabiex jiddiskuti l-proposta tagħhom f'iktar dettall.

29.3.19. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand ħaddiem tal-iskema li talab lill-Kunsill jikkunsidra li jingħatalu performance bonus. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi formulat performance appraisal li jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 29.4 RAPPORTI

29.4.1. Il-Kunsillier VB staqsa dwar il-laqgħa li nżammet mal-Ministru Josè Herrera u t-tim tiegħu. Is-Sindku nformat li min-naħa tal-Ministeru qed jaħdmu fuq proġett li jinkorpora l-Fosos iżda għad m'hemm xejn konkret jew konklussiv. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jibqa' jsegwi din il-materja. Is-Sindku qalet li s'issa ma kienu kkonfermaw u kkonkludew xejn minħabba li dan kien proġett finanzjarjament kbir.

## 29.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

29.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar ritratt li ġie ċirkolat fuq Facebook rigward siġar li nqatgħu fi Ġnien San Filippu. Huwa staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie informat b'dan ġaladarba l-Kunsill jagħmel sagrifiċċji kbar biex ma jneħħix siġar speċjalment jekk dawn tneħħew mingħajr permess. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat iżda lanqas ma kellhom obbligu jagħmlu dan minħabba li t-tali ġnien ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-Kunsillier VB qal li meta l-Kunsill ikun irid jaqta xi siġar, dejjem ikun irid jintalab permess u għalhekk jassumi li din l-entità wkoll kienet għaddiet mill-istess proċess.

29.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal inċident li seħħ fi Triq Sant'Anna li faċilment seta' jkun fatali. Huwa propona li l-Kunsill jgħaddi suġġeriment biex fi Triq Sant'Anna jkun hemm sinjali sabiex titnaqqas il-veloċità jew xi sinjali simili, u dan biex jiġu evitati iktar inċidenti. Is-Sindku qalet li dak il-post kien dejjem sinonimu ma' inċidenti. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jressaq is-suġġeriment lil Transport Malta.

29.5.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinat minn xi persuni li nformawh li tliet snin oħra kien ser ikun l-għeluq ta' tlett mitt sena mit-twaqqif tal-lokalità. Huwa propona li l-Kunsill jorganizza xi ħaġa sabiex jiċċelebra dan l-avveniment. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jikkommemora dan bl-istess mod li kkommemmora Jum il-Floriana f'dan l-aħħar snin.

29.5.4. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill li kienet ġiet informata mill-Malta Tourism Authority li kienu qed isiru l-preparazzjonijiet għal Fairy Land u li fl-attività kienet ser tiġi inkluża wkoll il-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponu laqgħa mal-Malta Tourism Authority sabiex jipproċedi dwar dan. Is-Sindku qalet li attivitajiet bħal dawn jiġġeneraw kummerċ tajjeb għal-lokalità u l-fatt li kien hawn nuqqas t'attivitajiet, din għandha tintlaqa' tajjeb mir-residenti.

## 29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

29.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 29.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

29.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 20/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

29.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

29.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xhur ta' Jannar u Frar.

29.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-lista tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 29.8 **Proġett KG5**

29.8.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin għandhom jibdew jitwaħħlu l-globi tad-dawl il-ġodda.

29.8.2. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li kienu ġew mgħoddija il-cables tal-cameras. Hija qalet li l-ispiża kienet ser teċċedi l-ammont pjanat u dan minħabba li l-kuntrattur kien sab li jrid jgħaddi iktar cables minn dak pjanat. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titkompla l-installazzjoni.

## 29.9 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-Sena 2021**

29.9.1. Ma kienx hemm aġġornamenti.

## 29.10 **Skema Animal Welfare**

29.10.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet approvata l-estensjoni mitluba għall-iskema sal-aħħar ta' Marzu.

29.10.2. Is-Sindku nformat li l-vet kienet informat lill-Kunsill li kien qed isir użu sew tal-vouchers tan-neutering. Hija qalet li kien intlaħaq ftehim mal-vet li dawk il-vouchers li ma jilħqux jintużaw sa Marzu jkunu jistgħu jintużaw iktar tard. Is-Sindku nformat li l-vet kellha tibgħat ukoll rapport dwar dawk il-vouchers li ntużaw s'issa.

29.10.3. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mas-supplier li ser jipprovdi l-ikel tal-qtates u kien intlaħaq ftehim li l-ikel jinġieb ftit ftit il-Kunsill skont il-bżonn. Is-Sindku qalet li kien importanti li l-cat feeders li jiġu jiġbru l-ikel ikunu rikonoxxuti u li l-ikel ma jitqassamx kif ġie ġie.

29.10.4. Fir-rigward tal-cat cafés is-Sindku qalet li fl-applikazzjoni oriġinali il-cat cafés kienu jammontaw għal €400 iżda il-persuna li kienet taħdimhom kienet waqfet mix-xogħol. Hija qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet oħra li l-orħos waħda tammonta għal €500 kull cat café. Għalhekk bis-somma allokata kienu ser ikunu jistgħu jiġu ordnati erba' cat cafés. Il-Kunsill innota dan.

29.10.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill hux ser jipproċedi bil-proposta li kien hemm f'laqgħa preċedenti dwar freezers li jiġu trasformati f'cat cafés. Is-Sindku qalet li l-problema kienet li l-Kunsill ma kellux l-għodda biex jagħmel dan u li anke viżwalment cat cafés tal-injam kienu jidhru isbaħ. Id-DSE qal li l-Kunsill irid jibqa' konformi ma' dak li talab fl-applikazzjoni u dan sabiex ikun konformi mal-iskema.

29.11 **SKEMA DWAR RESTAWR**

29.11.1. Din il-materja ġie diskussa fil-korrispondenza.

29.12 **PUNTI MIL-LAQGĦA TAR-REĠJUN**

29.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li matul il-laqgħa tar-Reġjun kienu nformaw li l-kunsilli ser jingħataw €1000 biex jagħmlu tajjeb għat-tiżjin tad-dawl tal-Milied.

29.12.2. Is-Sindku nformat ukoll li kienu ser jinbidlu r-reġjuni iżda jidher li l-Floriana xorta waħda kienet ser tibqa' tagħmel mar-Reġjun Xlokk. Hija qalet li bħala reġjun, kien ġie deċiż li tintwera d-diżapprovazzjoni dwar il-mod kif ġew imqassma r-reġjuni l-ġodda.

29.12.3. Is-Sindku informat ukoll li r-reġjuni kienu ser jimpjegaw staff addizzjonali espert f'oqsma differenti u dan sabiex ikunu jistgħu jassistu lill-kunsilli aħjar. Hija qalet li hi ma kellix oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-kunsilli jitħallew jużaw il-kuntratturi tagħhom meta l-istaff ma jkunx disponibbli u dan sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-għoti tas-servizz.

29.12.4. Is-Sindku nformat ukoll li kien ġie diskuss l-għoti ta' maskri bl-arma tar-reġjun li jitqassmu lill-iskola u l-għalliema u possibbilment lill-kunsilliera u l-istaff.

29.12.5. Is-Sindku nformat ukoll bi skema fejn il-Kunsill seta' jordna bandiera tar-Reġjun Xlokk u jiġi rimborsat l-ispiża tal-bandiera inkluż il-frame. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.13 **LAQGĦA MAL-MINISTRU ANTON REFALO**

29.13.1. Is-Sindku nformat li l-laqgħa mal-Ministru Anton Refalo kellha tiġi posposta u għandha ssir nhar il-5 ta' Marzu fl-10am. Hija qalet li għaliha setgħu jattendu tliet persuni u kien hemm qbil li jattendu s-Sindku, id-DSE u l-Kunsilliera JP.

29.14 **FESTA SAN PUBLJU**

29.14.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-festa u qalet li minħabba l-pandemija ma tantx setgħu isiru affarijiet. Hija proponiet għalhekk li jsiru attivitajiet minimi inkluż premjazzjoni mingħajr ċerimonji li għaliha jiġu mistiedna biss ir-rebbieħa. Il-Kunsill qabel.

29.14.2. Il-Viċi Sindku GD proponiet li l-premjazzjoni tiġi live-streamed fuq Facebook. Il-Kunsill qabel.

29.14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuqha u jiċċirkola l-applikazzjonijiet.

## 29.15 PROĠETT KOMUNITARJA

29.15.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proġett komunitarju. Hija qalet li flimkien mad-DSE u l-Perit kienu niżlu fuq is-sit sabiex jaraw x'jista' jsir.

29.15.2. Hija qalet li kienet ressqet xi ideat lill-Perit ibbażati fuq dak li diġà sar minn kunsilli lokali oħra.

## 29.16 PROĠETT NORWEGIAN GRANTS

29.16.1. Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'komunikazzjonijiet mis-Sindku.

## 29.17 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

29.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 fil-5pm

**Konfermati, illum ____________________________________**

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Davina Sammut Hili | Malcolm Agius |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |